VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,864, 3 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 49 tal-2012**

## ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

### Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1998 dwar testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 126 tal-1998.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih qabel it-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ambulanza" tfisser vettura bil-mutur tal-kategorija M maħsuba għat-trasport ta' persuni li jkunu morda jew li jkunu korrew u li jkollha tagħmir speċjali għal dak l-iskop;";

(b) fit-tifsira "awtorità kompetenti", il-kliem ""awtorità kompetenti" u" għandhom jitħassru;

(ċ) minnufih wara t-tifsira "awtorizzazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċertifikat tal-VRT" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ fir-rigward ta' vettura li tkun għaddiet mit-test dwar jekk tkunx tajba għat-triq;";

(d) minnufih wara t-tifsira "ċertifikat tal-VRT" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "id-Direttiva 2003/30/KE" tfisser id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq, kif emendata;

"id-Direttiva 2009/40/KE" tfisser id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq, kif emendata;";

(e) minnufih wara t-tifsira ġdida "id-Direttiva 2009/40/KE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-ewwel reġistrazzjoni" tfisser id-data li fiha vettura tkun ġiet reġistrata għall-ewwel darba f'Malta jew f'pajjiż ieħor;";

(f) it-tifsira "g.v.w." għandha titħassar;

(g) minnufih wara t-tifsira "kumpannija" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kwadriċikletta" tfisser vettura b'erba' roti li l-piż tagħha, meta ma tkunx mgħobbija, ma jkunx ta' iżjed minn 400 kilogramma (kategorija L7e), jew 550 kilogramma jekk il-vettura tkun ser tintuża għall-ġarr ta' merkanzija, mhux inkluż it-toqol tal-batteriji fil-każ ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, u li jkollha qawwa massima netta fil-makna tagħha li ma tkunx ta' iżjed minn 15kW;";

(h) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*moped*" tfisser vettura b'żewġ roti (kategorija L1e) jew bi tliet roti (kategorija L2e) b'veloċità massima maħsuba ta' mhux iżjed minn 45 kilometru fis-siegħa;";

(i) minnufih wara t-tifsira "*moped*" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*motorcycle*" tfisser vettura b'żewġ roti mingħajr *sidecar* (kategorija L3e) jew *b'sidecar* (kategorija L4e) li jkollha makna ċilindrata ta' aktar minn 50 ċm$^3$ tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima disinjata ta' iżjed minn 45 km fis-siegħa;";

(j) minnufih wara t-tifsira "*motorcycle*" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*motor tricycle*" tfisser vettura bi tliet roti rranġati simmetrikament (kategorija L5e) li jkollha makna ċilindrata ta' aktar minn 50 ċm$^3$ tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima disinjata ta' iżjed minn 45 km fis-siegħa;";

(k) minnufih wara t-tifsira "numru tas-serje" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-ogħla massa permessibbli" tfisser l-ogħla massa teknikament permessibbli meta l-vettura bil-mutur tkun mgħobbija kif dikjarata mill-manifattur;";

(l) minnufih wara t-tifsira "persuna li tittestja" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*quad bike*" tfisser *bike* b'erba' roti li jkollha manubriju u kapaċi ttella' veloċità ta' iżjed minn 45 km fis-siegħa;

(m) it-tifsira "piż gross ta' vettura" għandha titħassar;

(n) minflok it-tifsira "*trailer* u vettura oħra li tinġibed" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*trailer*" tfisser kull vettura bir-roti li ma jkollhiex propulsjoni tagħha stess (kategorija O) disinjata u mibnija biex tiġi miġbuda minn vettura bil-mutur u hija tinkludi *semi-trailer*;";

(o) minnufih wara t-tifsira ġdida "*trailer*" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

“ “*trailer* O1” tfisser *trailer* bl-ogħla massa ta’ mhux iżjed minn 0.75 tunnellata metrika;

“*trailer* O2” tfisser *trailer* bl-ogħla massa ta’ iżjed minn 0.75 tunnellata metrika iżda mhux iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi;

“*trailer* O3” tfisser *trailer* bl-ogħla massa ta’ iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi iżda mhux iżjed minn 10 tunnellati metriċi;

“*trailer* O4” tfisser *trailer* bl-ogħla massa ta’ iżjed minn 10 tunnellati metriċi;”;

(p) fit-tifsira “spezzjoni teknika tul it-triq” minflok il-kliem “mill-awtoritajiet kompetenti ta’ ċerti vetturi” għandhom jidħlu l-kliem “mill-Awtorità, ta’ ċerti vetturi”;

(q) minnufih wara t-tifsira “l-Unjoni Ewropea” għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

“ “vettura għall-ġarr ta’ katavri” tfisser vettura bil-mutur tal-kategorija M maħsuba għat-trasport ta’ katavri u li jkollha tagħmir speċjali għal dak l-iskop;”;

(r) minnufih wara t-tifsira ġdida “vettura għall-ġarr ta’ katavri” għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

“ “vettura għall-ġarr ta’ merkanzija ħafifa” tfisser vettura bil-mutur li l-ogħla massa permessibbli tagħha ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi, li tintuża għall-ġarr ta’ merkanzija;”;

(s) minnufih wara t-tifsira ġdida “vettura għall-ġarr ta’ merkanzija ħafifa” għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

“vettura għall-ġarr ta’ merkanzija tqila” tfisser vettura bil-mutur li l-ogħla massa permessibbli tagħha tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi, li tintuża għall-ġarr ta’ merkanzija;

(t) minnufih wara t-tifsira ġdida “vettura għall-ġarr ta’ merkanzija tqila” għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

“ “vettura fil-kategorija M” tfisser vettura bil-mutur b’għallanqas erba’ roti maħsuba u mibnija għall-ġarr ta’ persuni, u tikkomprendi vetturi M1, M2 u M3;”;

(u) minnufih wara t-tifsira ġdida "vettura fil-kategorija M" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" " vettura M1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sewwieq;

"vettura M2" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' iżjed minn tmien persuni, minbarra s-sewwieq, u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx iżjed minn 5 tunnellati metriċi;

" vettura M3" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' iżjed minn tmien persuni, minbarra s-sewwieq, u li l-ogħla massa tagħha tkun iżjed minn 5 tunnellati metriċi;";

(v) minnufih wara t-tifsira "vettura tal-merkanzija" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura misjuqa minn *chauffeur*" tfisser vettura M1 li tkun reġistrata u li jkollha liċenza biex tinkera minn garaxx ta' servizz pubbliku biex tiġi misjuqa minn sid dak il-garaxx jew minn xi impjegat tiegħu;

(w) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "vettura N1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' merkanzija u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi;

"vettura N2" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' merkanzija u li l-ogħla massa tagħha tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi iżda mhux iżjed minn 12-il tunnellata metrika;

"vettura N3" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' merkanzija u li l-ogħla massa tagħha tkun iżjed minn 12-il tunnellata metrika;";

(x) it-tifsira "vettura ħafifa tal-passiġġieri" għandha titħassar;

(y) minnufih wara t-tifsira "vettura oħra" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura tal-passiġġieri privata u vettura kummerċjali ħafifa" għandha, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, tinkludi vetturi tal-passiġġieri privati (li ma jintużawx b'kiri jew b'kumpens), vetturi liċenzjati biex jiġu mikrija, *taxis*, vetturi M1 misjuqa minn xufier, ambulanzi, *caravans*, vetturi għal skop dupplici u vetturi ta' merkanzija ħafifa;";

(z) minflok it-tifsira "vettura tas-servizz pubbliku" għandu jidħol dan li ġej:

" "vettura tas-servizz pubbliku" tfisser vettura bil-mutur adattata biex iġġorr iżjed minn tmien passiġġieri u li tiġi użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'kiri jew b'kumpens;";

(aa) minflok it-tifsira "vetturi ħfief" għandu jidħol dan li ġej:

" "vetturi ħfief" tfisser kull xorta ta' vetturi li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi;";

(bb) minflok it-tifsira "vetturi tqal" għandu jidħol dan li ġej:

" "vetturi tqal" tfisser kull xorta ta' vetturi li l-ogħla massa permessibbli tagħhom tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi;";

(ċċ) minflok it-tifsira "V.R.T" għandu jidħol dan li ġej:

" "VRT" tfisser it-test li jiċċertifika jekk vettura tkunx tajba għat-triq.".

Emenda ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "persuna liċenzjata biex tittestja" jew "persuna li jkollha liċenza biex tittestja", kull fejn dawn jinsabu ħlief fis-subregolament (2) tar-regolament 5, għandhom jidħlu l-kliem "persuna li tittestja".

Iżid ir-regolament 3A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Affarijiet li għandhom jiġu verifikati.

3A. (1) L-affarijiet li għandhom jiġu verifikati huma dawk elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/40/KE kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE u dawk elenkati fil-paragrafi Ċ sa I fl-Ewwel Skeda.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 tal-imsemmi Anness ikunu applikabbli mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

**5.** Minflok is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"(2) Vetturi tal-Forzi Armati ta' Malta għandhom jiġu ttestjati kull sena minn persuna kwalifikata biex tittestja fi stazzjon stabbilit u operat mill-imsemmija Forzi Armati.".

**6.** Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ebda liċenza ma għandha tinħareġ" għandhom jidħlu l-kliem "ebda liċenza ta' ċirkolazzjoni m'għandha tinħareġ jew tiġi mġedda". Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Fis-subregolament (1)(a) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "li tkun speċifikata fil-liċenza tal-persuna li tittestja" għandhom jidħlu l-kliem "li hija kwalifikata u reġistrata biex tittestja". Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Minnufih wara r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol ir-regolament ġdid li ġej: Iżid ir-regolament ġdid 18A mar-regolamenti prinċipali.

"Għandhom jittieħdu ritratti tal-vetturi.

18A (1) Kull vettura bil-mutur li jkun qiegħed isirilha t-test dwar jekk tkunx tajba biex tintuża fit-triq skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha jittieħdulha ritratti fl-istazzjon fejn ikun qiegħed isirilha t-test mill-operatur jew mill-persuna li tittestja.

(2) Ir-ritratti msemmija fis-subregolament (1) għandhom jittieħdu u jintbagħtu lill-Awtorità skont il-proċedura stabbilita fit-Tlettax-il Skeda.".

**9.** Ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "Il-persuni liċenzjati biex jittestjaw" għandhom jidħlu l-kliem "Il-persuni li jittestjaw";

(b) fit-test Malti tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "tal-persuna liċenzjata li kienet responsabbli" għandhom jidħlu l-kliem "tal-persuna li kienet responsabbli".

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Fil-paragrafu (e) tar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "u tas-Sitt Skeda" għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

**11.** Fit-test Ingliż tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "to be approved by him" għandhom jidħlu l-kliem "to be approved by the said Authority".

Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

**12.** Fir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Vetturi ta' Klassi IIA (użati għat-trasport tal-passiġġieri) u vetturi ta' Klassi III" għandhom jidħlu l-kliem "Vetturi tal-Kategorija I, Kategorija II, Kategorija III u Kategorija V".

Jemenda r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.

**13.** Fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "imsemmija fil-lista ta' verifika li hemm fl-Għaxar Skeda" għandhom jidħu l-kliem "li għandhom jiġu spezzjonati elenkati fil-partita 10 tal-Anness I tad-Direttiva 2000/30/KE kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE.".

Jemenda r-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali.

**14.** Fir-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fil-Ħdax l-Iskeda" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Anness II tad-Direttiva 2000/30/KE kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

**15.** Fir-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fl-Għaxar Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fil-partita 10 tal-Anness I tad-Direttiva 2000/30/KE kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE".

Iżid ir-regolament 33A ġdid mar-regolamenti

**16.** Minnufih wara r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Rapport dwar l-ispezzjonijiet u projbizzjoni tal-użu.

33A. (1) L-ispezzjonijiet tekniċi fil-ġenb ta' triq għandhom isiru minn uffiċjali li jispezzjonaw li jkunu awtorizzati mill-Awtorità.

(2) L-uffiċjal li jispezzjona għandu, waqt li jkun qiegħed jagħmel spezzjoni teknika fil-ġenb ta' triq, ifassal rapport li jkun konformi mal-kopja tar-rapport li tinsab fl- Anness I tad-Direttiva 2000/30/KE kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE.

(3) Meta uffiċjal li jispezzjona jqis li n-nuqqasijiet fil-manutenzjoni ta' vettura jistgħu jippreżentaw riskju

VERŻJONI ELETTRONIKA



għas-sigurtà b'tali mod li, b'mod partikolari fir-rigward tal-brejkijiet, tkun ġustifikata aktar spezzjoni, il-vettura għandha tkun soġġetta għal test aktar elaborat fl-aktar ċentru viċin fejn il-vetturi jsirilhom it-test.

(4) Meta jkun jidher ċar li vettura tkun tippreżenta riskju gravi għal dawk li jkunu fiha jew għal utenti oħra tat-triq kemm waqt spezzjoni fil-ġenb ta' triq jew waqt it-test aktar elaborat imsemmi fis-subregolament (3), l-użu ta' dik il-vettura għandu jiġi projbit sakemm in-nuqqasijiet perikolużi li jkunu nstabu jiġu rranġati.

(5) L-Awtorità għandha, bla ħsara għal kull prosekuzzjoni, tgħaddi rapport dwar in-nuqqasijiet gravi li jinsabu f'vettura ta' persuna li jkollha r-residenza tagħha fi Stat Membru ieħor, b'mod partikolari dawk in-nuqqasijiet li jwasslu għal projbizzjoni fuq l-użu, lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat, fejn jiġu użat ir-rapport li jkun sar mill-uffiċjal li jispezzjona.".

**17.** L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok il-paragrafu A tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"A. Ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Aġenzija għal Servizzi dwar il-Vetturi u l-Operaturi tar-Renju Unit kif jinsabu fil-manwali li ġejjin u l-aġġornamenti u l-emendi tagħhom li jiġu wara:

(a) il-Manwal dwar l-Ittestjar ta' Biċikletti bil-Mutur u *Sidecars* (edizzjoni tal-2011)

(b) il-Manwal dwar l-Ittestjar ta' Vetturi tal-Passiġġieri Privati u Vetturi Kummerċjali Ħfief (edizzjoni tal-2011)

(ċ) il-Manwal dwar l-Ispezzjoni ta' Vetturi ta' Merkanzija Tqila (edizzjoni tal-2011)

(d) il-Manwal dwar l-Ispezzjoni ta' Vetturi tas-Servizz Pubbliku (edizzjoni tal-2011)";

(b) fil-paragrafu Ċ tagħha, minflok il-kliem "Vetturi tal-Klassi I" għandhom jidħlu l-kliem "Vetturi tal-Kategorija

VERŻJONI ELETTRONIKA



VII", u minflok il-kliem "Vetturi ta' Klassi II u ta' Klassi III" għandhom jidħlu l-kliem "Vetturi tal-Kategorija I, Kategorija II, Kategorija IV, Kategorija V u Kategorija VI";

(ċ) fil-paragrafu D tagħha, minflok il-kliem "Il-vetturi kollha taħt Klassi III" għandhom jidħlu l-kliem "Il-vetturi kollha taħt il-Kategorija I u l-Kategorija II", minflok il-kliem "Vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "Vetturi N2 u N3", u minflok il-kliem "Vetturi użati għall-ġarr nazzjonali tal-passiġġieri" għandhom jidħlu l-kliem "Vetturi M2 u M3";

(d) minnufih wara l-paragrafu F tagħha, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"G. Apparat għat-tifi tan-nar li jkun jiffunzjona fil-vetturi N1, N2, N3, M2 u M3 u fit-*taxis*.

H. Martell li jkisser il-ħġieġ fil-vetturi għas-servizz pubbliku (vetturi M2 u M3).

I. Sistema li trażżan it-titjir tal-ilma fuq vetturi N2, N3, M2 u M3.".

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**18.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA
(Regolamenti 4, 10 u 30)

Klassifikazzjoni tal-Vetturi

Il-vetturi bil-mutur huma klassifikati kif ġej għall-finijiet ta' testijiet:

| | | |
|---|---|---|
| KATEGORIJA I | - | Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta' passiġġieri u li jistgħu jġorru iżjed minn tmien persuni minbarra x-xufier (vetturi M2 u M3) |
| KATEGORIJA II | - | Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N2 u N3) |
| KATEGORIJA III | - | *Trailers* u *semi-trailers* (kategorija O – O1, O2, O3 u O4) |
| KATEGORIJA IV | - | *Taxis*<br>Vetturi misjuqa minn *chauffeur*<br>Vetturi M1 b'liċenza biex jinkrew<br>Ambulanzi<br>Karavannijiet |
| KATEGORIJA V | - | Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba' roti, normalment jiġu użati għall-ġarr stradali ta' merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N1) |
| KATEGORIJA V1 | - | Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba' roti, jiġu użati għall-ġarr ta' passiġġieri u li ma jġorrux aktar minn tmien persuni minbarra x-xufier, kompriżi l-vetturi għall-ġarr ta' katavri (vetturi M1) |
| KATEGORIJA VI1 | - | *Mopeds, Motorcycles, Motor Tricycles,* Kwadriċikletti u *Quad Bikes* |

".

Jemenda it-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**19.** Minflok il-partita 4 fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"4. DIKJARAZZJONI

(a) Napplika/napplikaw għal awtorizzazzjoni biex naħdem/naħdmu bħala operatur taħt kuntratt għal:
*(jekk jogħġbok agħmel sinjal fil-kaxxa adatta/kaxxi adatti – l-applikazzjoni tista' ssir għall-klassijiet kollha)*

☐ Awtorizzazzjoni Klassi 1 – vetturi fil-kategorija VII

☐ Awtorizzazzjoni Klassi 2 – vetturi fil-kategoriji I, IV, V, VI (li ma jeċċedux 5 tunnellati metriċi)

☐ Awtorizzazzjoni Klassi 3 – vetturi fil-kategoriji I, II (li jeċċedu 5 tunnellati metriċi)

(b) Jiena nifhem/aħna nifhmu li:

(i) kull min għandu post u l-apparat adatt ma jfissirx li se jingħata awtorizzazzjoni;

(ii) l-applikanti jridu jimxu mar-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq

Firma ☐ Data ☐
".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**20.** Fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "piż gross", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "l-ogħla massa permessibbli".

Jissostitwixxi t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**21.** Minflok it-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA



“IT-TMIEN SKEDA
(Regolamenti 19 u 20)

Drittijiet * u Frekwenzi tat-Testijiet

| Kategorija ta’ vettura | Dritt sħiħ € | Frekwenza tat-Testijiet |
|---|---|---|
| Kategorija I<br>Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta’ passiġġieri u li jistgħu jġorru iżjed minn tmien persuni minbarra x-xufier (vetturi M2 u M3) | | |
| - Vetturi bl-ogħla massa permessibbli li ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 26.32 | B |
| - Vetturi bl-ogħla massa permessibbli li tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 31.10 | B |
| Kategorija II<br>Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N2 u N3) | 31.10 | B |
| Kategorija III<br>*Trailers* u *semi-trailers* | | |
| - bl-ogħla massa permessibbli li ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 26.32 | C |
| - bl-ogħla massa permessibbli li tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 31.10 | B |
| Kategorija IV | | |
| *Taxis* | 20.27 | B |
| Vetturi misjuqa minn *chauffeur* | 20.27 | B |
| Vetturi M1 b’liċenza biex jinkrew | 20.27 | D |
| Ambulanzi | 20.27 | B |
| Karavannijiet | 20.27 | B |
| Kategorija V<br>Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba’ roti, normalment jiġu użati għall-ġarr stradali ta’ merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N1) | 26.32 | B |
| Kategorija VI<br>Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba’ roti, jiġu użati għall-ġarr ta’ passiġġieri u li ma jġorrux aktar minn tmien persuni minbarra x-xufier, kompriżi l-vetturi għall-ġarr ta’ katavri (vetturi M1) | 20.27 | D |
| Kategorija VII<br>*Mopeds, Motorcycles, Motor Tricycles,* Kwadriċikletti u *Quad Bikes* | 14.33 | A |

Vetturi importati bħala użati

| | |
|---|---|
| 1. Vettura użata li tinġieb Malta minn Stat Membru ieħor għandha tkun koperta b'ċertifikat tal-VRT jekk il-vettura kienet diġà soġġetta għall-ewwel test dwar jekk hijiex tajba għat-triq skont l-Anness I tad-Direttiva. L-Awtorità, iżda, tista' għal raġunijiet validi titlob li vettura bħal dik tiġi preżentata għal test dwar jekk hijiex tajba għat-triq qabel ma tiġi reġistrata. | Bħal dawk t'hawn fuq skont il-kategorija |
| 2. Vettura użata li tiġi importata minn pajjiż terz tkun trid isirilha test dwar jekk hijiex tajba għat-triq qabel ma tiġi reġistrata jekk dik il-vettura kienet diġà soġġetta għall-ewwel test dwar jekk hijiex tajba għat-triq skont l-Anness I tad-Direttiva. | Bħal dawk t'hawn fuq skont il-kategorija |

* Id-drittijiet jinkludu l-VAT

Frekwenza tat-test:

A. Mhumiex soġġetti għat-test
B. Sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni u kull sena minn hemm 'il quddiem
C. Sentejn mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni u kull sentejn minn hemm 'il quddiem
D. Erba' snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni u kull sentejn minn hemm 'il quddiem".

Jissostitwixxi d-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**22.** Minflok id-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

“ID-DISA’ SKEDA
(Regolament 19)

Dritt amministrattiv għall-Awtorità għat-Trasport

| Kategorija tal-vettura | Dritt amministrattiv € |
|---|---|
| **Kategorija I**<br>Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta’ passiġġieri u li jistgħu jġorru iżjed minn tmien persuni minbarra x-xufier (vetturi M2 u M3) | |
| - Vetturi bl-ogħla massa permessibbli li ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 0.70 |
| - Vetturi bl-ogħla massa permessibbli li tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 0.70 |
| **Kategorija II**<br>Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N2 u N3) | 0.70 |
| **Kategorija III**<br>*Trailers* u *semi-trailers* | |
| - bl-ogħla massa permessibbli li ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 0.70 |
| - bl-ogħla massa permessibbli li tkun iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi | 0.70 |
| **Kategorija IV** | |
| *Taxis* | 0.45 |
| Vetturi misjuqa minn *chauffeur* | 0.45 |
| Vetturi M1 b’liċenza biex jinkrew | 0.45 |
| Ambulanzi | 0.45 |
| Karavannijiet | 0.45 |
| **Kategorija V**<br>Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba’ roti, normalment jiġu użati għall-ġarr stradali ta’ merkanzija u li l-ogħla massa permessibbli tagħhom ma tkunx iżjed minn 3.5 tunnellati metriċi (vetturi N1) | 0.70 |
| **Kategorija VI**<br>Vetturi bil-mutur li jkollhom għallinqas erba’ roti, jiġu użati għall-ġarr ta’ passiġġieri u li ma jġorrux aktar minn tmien persuni minbarra x-xufier, kompriżi l-vetturi għall-ġarr ta’ katavri (vetturi M1) | 0.45 |
| **Kategorija VII**<br>*Mopeds, Motorcycles, Motor Tricycles,* Kwadriċikletti u *Quad Bikes* | 0.80 |
| Vetturi użati importati | Bħal dawk t’hawn fuq skont il-kategorija |

”.

Iħassar l-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**23.** L-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Iħassar il-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**24.** Il-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Jissostitwixxi t-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**25.** Minflok it-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“IT-TNAX-IL SKEDA
(Regolament 21)

Sistema ta’ Punti ta’ Penali użata biex ikun determinat in-numru ta’ punti ta’ penali li għandhom jingħataw għal ksur imwettqa minn operatur jew minn persuna li tittestja

| Partita | Reat | Punti Operatur | Punti Persuna li Tittestja |
|---|---|---|---|
| 1 | Topera mingħajr persuna assistenta li tittestja | 5 | |
| 2 | Tkun mingħajr manwal tal-ispezzjoni tal-MOT fit-*test lane* | 5 | |
| 3 | L-istazzjon tal-VRT mhuwiex nadif jew mhuwiex sigur għall-persuna li tittestja jew għall-pubbliku | 30 | |
| 4 | Isiru testijiet b’papparat tal-VRT difettuż jew mingħajr apparat tal-VRT, jew b’ċertifikat ta’ kalibrazzjoni li jkun skada | 50 | |
| 5 | Tmexxi jew tipprovdi servizzi li ma jkunux jagħmlu parti minn test tal-VRT fl-istazzjon approvat mill-Awtorità għat-Trasport f’Malta waqt il-ħinijiet li fihom ikunu qegħdin joperaw | 20 | |
| 6 | It-test isir minn persuna li ma tkunx reġistrata biex tittestja | 1,000 | |
| 7 | Instabt ħati ta’ reat gravi li mhux bilfors hu marbut mal-ittestjar mandatorju ta’ vettura iżda li jista’ jaffettwa t-twettiq xieraq ta’ test tal-VRT | 1,000 | 150 |
| 8 | Punti ta’ penali addizzjonali lil operaturi li jkollhom ħames kontravenzjonijiet b’total ta’ 250 punt jew aktar f’perjodu ta’ sitta u tletin xahar | 1,000 | |
| 9 | Ma tagħmilx l-ispezzjonijiet preliminari kollha | | 5 |
| 10 | Ma taġġornax is-sistema *online* fil-ħinijiet stipulati u/jew ma żżommx ma’ proċeduri amministrattivi oħra | | 5 |
| 11 | Ma tispezzjonax in-numru tax-*chassis* (jew il-VIN) kif suppost | | 20 |
| 12 | Tonqos milli tesegwixxi korrettement il-proċedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru għalih jew li tirreġistra *data* korretta tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT qabel ma tagħmel test uffiċjali fuq dik il-vettura partikolari | | 20 |
| 13 | Tinjora difett fid-dwal tal-ġnub | | 10 |
| 14 | Tinjora difett fid-dwal tas-sinjali | | 10 |
| 15 | Tinjora difett fid-dwal tas-sewqan | | 10 |
| 16 | Tinjora difett fit-*tell-tale lights* | | 10 |
| 17 | Tinjora difett fil-brejkijiet primarji | | 100 |
| 18 | Tinjora difett fil-brejkijiet tal-ipparkjar | | 20 |
| 19 | Tinjora difett fl-istering li ma jkunx ħsara fil-*bellows* | | 50 |
| 20 | Tinjora difett fit-tajers | | 50 |

| | | |
|---|---|---|
| 21 | Tinjora difett fis-saspenxin | 50 |
| 22 | Tinjora difett fil-*windscreen* | 20 |
| 23 | Tinjora difett fis-sistema tal-*exhaust* | 25 |
| 24 | Tinjora difett fil-ħoss | 30 |
| 25 | Tinjora difett fil-ħruġ ta' duħħan minn magna bi *spark ignition* | 50 |
| 26 | Tinjora difett fil-ħruġ ta' duħħan minn magna b'*compression ignition* | 50 |
| 27 | Tinjora n-nuqqas jew t-tbagħbis tas-siġill tal-pompa tad-*diesel* | 50 |
| 28 | Tinjora difett fil-*wipers* | 15 |
| 29 | Tinjora ħsara fil-*half shaft bellows* | 20 |
| 30 | Tinjora ħsara fl-i*steering bellows* | 20 |
| 31 | Tinjora l-ħġieġ ikkulurit | 5 |
| 32 | Tinjora difett fiċ-ċintorini tas-sigurtà | 30 |
| 33 | Tinjora n-nuqqas ta' lastiku tal-pedali | 5 |
| 34 | Tinjora difett fl-istruttura tas-sedili | 10 |
| 35 | Tinjora sadid fil-bodì tal-vettura | 20 |
| 36 | Tinjora difett fil-*washers* tal-*windscreen* | 10 |
| 37 | Tinjora difett fil-*bearings* tar-roti | 10 |
| 38 | Tinjora difett fl-i*studs* tar-roti | 10 |
| 39 | Tinjora difett fil-mirja li juru n-naħa ta' wara | 15 |
| 40 | Tinjora n-nuqqas ta' apparat għat-tifi tan-nar | 10 |
| 41 | Tinjora n-nuqqas ta' mrietel għall-ksur tal-ħġieġ | 10 |
| 42 | Tinjora n-nuqqas tas-sistema biex trażżan it-titjir tal-ilma | 10 |
| 43 | Tinjora difett fl-apparat li jwissi dwar is-sistema tal-ibbrejkar | 50 |
| 44 | Tinjora difett fis-sistema tal-fjuwil | 20 |
| 45 | Tinjora difett fl-apparat tal-igganċjar | 50 |
| 46 | Tinjora difett fis-serraturi tal-bibien | 10 |
| 47 | Tinjora n-nuqqas ta' kaxxa għall-ewwel għajnuna (Vettura għat-Trasport Pubbliku biss) | 10 |
| 48 | Tinjora difett fl-irbit tal-batterija | 10 |
| 49 | Ma tiġix segwita l-proċedura tat-teħid ta' ritratti | 10 |
| 50 | Ma tispezzjonax kif suppost in-numru tal-makna | 10 |
| 51 | Erba' kontravenzjonijiet ripetuti tal-istess xorta magħmulin mill-istess persuna li tittestja | 5 |
| 52 | Tagħmel test fuq vettura li l-klassi tagħha l-persuna li tagħmel it-testijiet ma tkunx kwalifikata li tittestja | 50 |
| 53 | Tikkondizzjona bil-quddiem lis-sid ta' vettura li jsewwi jew jagħmel aġġustamenti kif indikati fir-riżultat tat-test fl-istess stazzjon fejn isir it-test | 100 |
| 54 | Isir test fuq vettura li, minnufih qabel dak it-test, il-persuna li tittestja tkun diġà għamlet tiswijiet fuq partijiet li jkunu ser jiġu ttestjati | 100 |

".

Iżid skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

**26.** Minnufih wara t-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA



"IT-TLETTAX-IL SKEDA
(Regolament 18A)

Proċedura dwar it-teħid u l-preżentazzjoni ta' ritratti
tal-vetturi li jkun qiegħed isirilhom it-test dwar jekk humiex tajbin għat-triq

1. Il-persuna li tittestja għandha tieħu ritratt ta' kull vettura li tiġi spezzjonata f'kull ġurnata.

2. Ir-ritratt għandu jittieħed minn post adatt fl-istazzjon tal-VRT.

3. L-ewwel ritratt li jittieħed għandu juri n-naħa tax-xellug tal-parti ta' quddiem tal-vettura flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Fejn ma jkunx hemm pjanċa tan-numru mwaħħla mal-vettura għandu jittieħed it-tieni ritratt li għandu jkun juri n-numru tax-*chassis* tal-istess vettura jew il-pjanċa tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (NIV).

4. Din il-proċedura hija applikabbli għall-vetturi kollha li huma soġġetti għat-test tal-VRT.

5. Vetturi użati li jiġu importati jew miġjuba f'Malta u li jkunu meħtieġa li jiġu spezzjonati qabel ma jiġu reġistrati mill-Awtorità u li ma jkollhomx numru tar-reġistrazzjoni, għandhom ikollhom ukoll l-aħħar tliet ċifri tan-numru tax-*chassis* imqiegħda fuq il-*windscreen* qabel ma jittieħed ir-ritratt. L-istess proċedura tkun applikabbli jekk il-vettura tkun teħtieġ li jsirilha t-tieni test.

6. Kull ritratt meħud għandu juri d-data u l-ħin korretti ta' meta jkun ittieħed; jiġifieri eżatt qabel ma jibda t-test tal-VRT.

7. L-aġġustament tal-ħin tal-kamera għandu jkun bħall-ħin li jkun jidher fis-*software* u l-*printouts* tal-istazzjon tal-VRT.

8. Ir-ritratti kollha li jittieħdu matul kull ġurnata għandhom jiġu kkupjati fuq CD jew fuq *harddisk* f'dik il-ġurnata mill-istazzjon tal-VRT.

9. CD li jkun fiha r-ritratti meħuda fix-xahar ta' qabel għandha titwassal fit-Taqsima Teknika tal-Awtorità mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara, flimkien mar-rapport tax-xahar ta' qabel dwar it-testijiet tal-VRT li jkunu saru mill-istazzjon rispettiv u l-Awtorità għandha tagħti rċevuta li tkun tikkonferma li rċeviet l-imsemmija CD bir-ritratti.

10. Id-dejta bir-ritratti għandha tinżamm mill-istazzjon tal-VRT f'*harddisk* għal mhux inqas minn tliet xhur.

11. Vetturi li jkunu soġġetti għal xi test ieħor għandhom jiġu fotografati skont id-dispożizzjonijiet tal-partiti 3 u 5.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 49 of 2012**

## TRAFFIC REGULATION ORDINANCE
## (CAP. 65)

### Motor Vehicles Roadworthiness Test (Amendment) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 54 of the Traffic Regulation Ordinance, the Minister for Infrastructure, Transport and Communications, after consultation with the Authority for Transport in Malta, has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Motor Vehicles Roadworthiness Test (Amendment) Regulations, 2012 and they shall be read and construed as one with the Motor Vehicles Roadworthiness Test Regulations, 1998 hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 126 of 1998.

**2.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 2 of the principal regulations.

